**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 13 ta' Jannar 2016**

**App. Nru. 266/13 DS**
**App. Nru. 270/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Grech**
**Carmen Cassar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmijin Francis Grech, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 535565(M) u Carmen Cassar, detentriċi tal-karta ta' l-identita` Maltija bin-numru 35076(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(a) fil-25 ta' Lulju 1999 u fil-ġranet ta' qabel, mingħajr setgħa skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lil privat li jarresta l-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Orbison Camilleri kontra l-volontà tiegħu, bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex l-istess Orbison Camilleri ikun imġiegħel jaċċetta jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu, bi ksur tal-Art. 86 u 87 (e) tal-Kap 9;

(b) fil-25 ta' Lulju 1999 u fil-ġranet ta' qabel, b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ bi ħsara ta' Orbison Camilleri, bi ksur tal-Art. 308, Kap. 9;

(c) fil-25 ta' Lulju 1999 u fil-ġranet ta' qabel, għamlu xi qliegħ ieħor b' qerq bi ksur tal-Art. 309, Kap 9;

(d) Lil Francis Grech waħdu talli nhar il-25 ta' Lulju 1999 u fil-ġranet ta' qabel, għamel theddid jew inġurji fil-konfront ta' Orbison Camilleri, bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(e) Lil Francis Grech waħdu talli matul ix-xahar ta' Lulju 1999, u fil-ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, għex għal kollox jew in parti mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' Carmen Cassar;

(f) Lil Francis Grech waħdu talli b'hekk irrenda ruħu reċidiv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-24 ta' April 1992, li saret definittiva u ma tistax tinbidel;

(g) Lil Carmen Cassar waħidha talli matul ix-xahar ta' Lulju 1999 u fil-ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b' risoluzzjoni waħda, tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skopijiet ta' prostituzzjoni;

(h) Lil Carmen Cassar waħedha talli b'hekk irrendiet ruħha reċidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' April 1997, li saret definittiva u ma tistax tinbidel;

**2.** Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tad-9 ta' Frar 2001 li permezz tagħha ddikjara li mill-kompilazzjoni tal-provi dehrlu li tista' tinsab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub, fil-konfront ta' Francis Grech biss fl-artikoli (a) 86, 87(e) tal-Kodiċi Kriminali, (b) 308, 309, 310 tal-Kodiċi Kriminali, (c) 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, (d) 7 tal-Kap. 63, u (e) 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali, u fil-konfront ta' Carmen Cassar biss fl-artikoli (7(2) tal-Kap. 63 u (b) 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti (1) sabet lill-imsemmi Francis Grech ħati skond l-artikoli 308, 309, 310, 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kodiċi

Kriminali, u l-artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ma sabitux ħati skond l-artikoli 86 u 87(e) tal-Kodiċi Kriminali u minnhom illiberatu u, wara li rat ukoll l-artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għall-piena ta' sena u nofs priġunerija; (2) sabet lil Carmen Cassar ħatja skond l-artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ma sabithiex ħatja skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minnhom illiberatha, u kkundannatha għall-piena ta' xahar priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmen Cassar ppreżentat fl-4 ta' Gunju 2013 fejn talbet li din il-Qorti, timmodifika s-sentenza appellata, u dan billi tikkonfermaha fejn illiberatha mill-akkużi mmarkati A, B, C, u H, u aktar, tikkonfermaha fejn sabitha ħatja tal-imputazzjoni mmarkata G, u tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Grech ppreżentat fl-10 ta' Ġunju 2013 fejn talab li din il-Qorti, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u fin-nuqqas, tikkonferma l-istess sentenza fejn sabitu hati tal-akkużi mmarkati B, C, D, E u F, u tvarjaha billi tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedini penali aġġornati ta' l-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat is-*social enquiry report* fil-konfront ta' l-appellanti Carmen Cassar; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Rat illi l-aggravji tal-appellanti Carmen Cassar huma s-segwenti:

> "Illi mill-ewwel jinghad li f'dawn il-proceduri z-zewg imputati baqghu jaffermaw l-innocenza taghhom sal-ahhar. Dan jinghad partikolarment fl-isfond tax-xhieda tal-imputata stess, fejn hija stqarret l-impossibilita` fizika li hi kellha x'taqsam sesswalment max-xhud Orbison Camilleri, u dan minhabba f'kumplikazzjoni genetika li affettwat l-izvilupp tal-parti genitali taghha, kif anke affermat mix-xhieda ta' Dr. Astrid Camilleri.
>
> "Illi ghad li huwa minnu li l-imputata ghaddiet minn xi zmien turbolenti fil-hajja taghha, Carmen Cassar illum tghix hajja kompletament distakkata mill-fatti specie li jindikaw fil-kaz odjern.
>
> "Illi ghandu jigi umilment sottomess li din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidra t-trapass ta' erbatax il-sena, matul liema perjodu dawn il-proceduri baqghu pendenti quddiem il-Qorti Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal diversi ragunijiet, liema ragunijiet mhumiex imputabbli lill-appellanti Carmen Cassar.
>
> "Illi ghal din ir-raguni wkoll, illum l-appellanti hija persuna kompletament riformata u distakkata minn kull forma ta' introjtu provenjenti minn prostituzzjoni, u agir doluz fid-diversi forom tieghu.

"Illi l-appellanti hija persuna biezla u habrieka, u li tmexxi negozju flimkien ma haddiehor bhala persuna *self-employed*, tant illi llum il-gurnata hija tghix hajja ta' ghaqal u ordni, u ilha ghal dawn l-ahhar snin f'relazzjoni monogama u stabbli ma certu Alan Borg. Fil-fatt huma gia ghandhom pjanijiet ghaz-zwieg taghhom li ormai huwa imminenti.

"Illi ghandu jigi rilevat li l-appellanti ma ghandha l-ebda proceduri pendenti fil-konfront taghha f'dawn il-Qrati, u inoltre, ma kellha l-ebda proceduri ohra li nbdew kontra taghha wara li giet arrestata u mressqa l-Qorti in konnessjoni mal-kaz odjern; stat ta' fatt li jirreafferma l-awtodixxiplina tal-appellanti Carmen Cassar li tistrada hajjitha l-boghod mid-dizordni u l-isfrattu li minnu emerga dan il-kaz.

"Illi ghalhekk l-esponenti stinkat bis-shih sabiex tghix 'il fuq minn ghaxar snin ta' stabbilita` fil-hajja taghha, perjodu li kien altroche` bizzejjed biex hija tirriforma ruhha kompletament u tallontana ruhha minn dak il-perjodu kemmxejn oskur fil-hajja taghha.

"Illi ghar-ragunijiet premessi, id-difiza umilment tikkontendi illi piena karcerarja effettiva mhijiex idoneja fic-cirkostanzi, u li ghalhekk, il-piena lilha inflitta hija wahda eccessiva tenendo kont it-tibdil mill-aktar posittiv fic-cirkostanzi tal-hajja tal-appellanti.

"Illi fic-cirkostanzi prezenti, l-appellanti umilment tissottometti illi l-piena ghandha tirrifletti dan il-kambjament hekk pozittiv, u inoltre, tinkoraggixxi u tissanzjona din l-istess imgieba.

"Illi ghal kull buon fini, jinghad li propju dwar dan il-kambjament fic-cirkostanzi taghha l-imputat ghandha diversi xhieda li tista' tipproduci fl-istadju tal-appell, inkluz u mhux limitatament, l-ufficjal tal-*probation* permezz ta' *Social Inquiry Report* sabiex ikollha l-opportunita` ggib a konjizzjoni tal-Qorti l-elementi pozittivi u ghad-dirittura intrapredenti li hija rnexxielha twettaq."

**7.** L-appell ta' Carmen Cassar huwa biss dwar il-piena. Qabel xejn, pero`, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-appellanti Cassar talbet konferma wkoll ta' fejn hija ġiet illiberata mill-imputazzjonijiet "A, B, C". Din hija referenza ċara għall-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) elenkati fl-ewwel paragrafu *supra* li huma uħud mill-imputazzjonijiet oriġinali dedotti kontra l-appellanti Cassar mill-Pulizija Eżekuttiva. Iżda skond in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, kif indikat fil-paragrafu 2 *supra*, l-uniċi imputazzjonijiet li dwarhom l-Avukat Ġenerali dehrlu li tista' tinstab ħtija huma dawk li fl-akkuża oriġinali jinsabu ndikati bl-ittri (g) u (h), cioe` r-reat ta' tlajjar għal skop ta' prostituzzjoni u l-addebitu ta' reċidiva.

**8.** Issa bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deċiż fis-7 ta' Diċembru 2001, meta "r-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura

wieħed qed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ tal-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**9.** F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali naqqas reati u għalhekk l-ewwel Qorti, kif korrettement għamlet, ittrattat biss fil-konfront ta' l-appellanti Cassar dak li l-Avukat Ġenerali dehrlu li hija kellha tkun akkużata bih. Konsegwentement din il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-appellanti Cassar sabiex din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hija ġiet illiberata mill-imputazzjonijiet "A, B, C", peress illi dawn ġew "irtirati" mill-Avukat Ġenerali u b'hekk l-ewwel Qorti m'għamlet l-ebda pronunzjament dwarhom.

**10.** Kif ingħad, l-appell ta' l-appellanti Cassar huwa dwar il-piena. Nonostante cio`, hija xorta tissottometti li kienet fl-impossibilita` fizika li jkollha x'taqsam sesswalment max-xhud Orbison Camilleri, u dan minhabba f'kumplikazzjoni genetika li affettwat l-izvilupp tal-parti genitali taghha. L-ewwelnett qed issir referenza għax-xiehda u rapport ta' l-espert Dr Astrid Camilleri li mhumiex sejrin jiġu riprodotti f'din is-sentenza, iżda li jindikaw kif rapporti sesswali kienu possibbli. Inoltre ma jidhirx illi tali kumplikazzjoni kienet iżżommha mill-prostituzzjoni. Difatti, mill-fedina penali aġġornata tagħha jidher, almenu *prima facie*, li kienet instabet ħatja tliet darbiet tar-reat li tlajjat jew li għamlet biex tħajjar għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Fortunatament dan kollu, kif anke l-abbuż tad-droga, kien fil-passat tagħha. Difatti fl-2003 kienet fittxet l-għajnuna ta' l-Aġenzija SEDQA. Illum għandha stabbilita` fil-ħajja tagħha, hi miżżewġa, u taħdem mar-raġel tagħha f'intrapriża ta' *printing*. Meta jitqies illi dan il-każ jirrisali għall-1999 u l-appellanti ilha għal diversi snin fit-triq tas-sewwa – l-aħħar reat li dwaru nstabet ħatja jirrisali għall-5 ta' Marzu 2002 u m'għandhiex kawżi pendenti – m'hemmx dubju li piena karċerarja mhijiex piena idoneja, anke fid-dawl tal-fatt li l-ewwel Qorti stess ma sabithiex ħatja ta' l-addebitu tar-reċidiva.

**11.** Din il-Qorti sejra issa tittratta l-appell ta' Francis Grech. L-aggravji tiegħu huma (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament erroneju tal-fatti u (2),

mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jekk din il-Qorti tikkonferma l-ħtija, għandha tikkunsidra piena alternattiva. Dwar l-ewwel aggravju l-appellant Grech jgħid:

> "Illi mill-ewwel jinghad li f'dawn il-proceduri z-zewg imputati baqghu jaffermaw l-innocenza taghhom sal-ahhar. In effetti, f'dak li ghandu x'jaqsam ma xhieda pajzana, il-prosekuzzjoni rnexxielha biss tipproduci membri tal-familja Orbison Camilleri, li bid-dovut rispett ma kinux daqstant konsistenti fid-depozizzjoni taghhom.
>
> "F'dawn il-proceduri xehed certu Roderick Camilleri li stqarr illi kien prezenti f'episodju partikolari fejn huwa kien ra lil huh Orbison jitkellem ma' persuna li kienet qieghda go vettura, liema persuna fl-ebda hin ma harget mill-istess vettura. Ix-xhud Roderick Camilleri stqarr illi huwa kien ra lil huh, allura Orbison Camilleri johrog mid-dar b'xi envelope abjad li huwa kien ghadda lil dan il-persuna li kien qieghed gewwa l-imsemmija vettura.
>
> "Illi bid-dovut rispett, id-difiza tistaqsi kif qatt depozizzjoni bhal din tista' titqies b'mod favorevoli fuq il-binarji stretti tad-dritt penali. Dan jinghad partikolarment peress illi x-xhud Camilleri stqarr illi ghalkemm huwa segwa dak li kien qieghed jigri mill-gallerija, u ghalkemm il-persuna koncernata fl-ebda hin ma nizlet minn din il-vettura, huwa afferma fid-depozizzjoni tieghu li kien propju l-imputat li kien f'din l-istess vettura, u li effettivament ircieva dan l-envelope abjad, li allegatament kien jikkontejni xi flus meta dan kien wara r-rifless tal-hgiega tal-vettura.
>
> "Illi d-difiza hawnhekk taghmel anke referenza ghax-xhieda ta' Josephine, omm Orbison Camilleri li stqarret li ghalkemm rat lit-tifel taghha jikkomunika ma' persuna li kienet bilqieghda go vettura, ma kinitx kapaci tagharaf lill-imputati peress illi dawn **qatt ma hargu mill-istess vettura**.
>
> "Illi allura hija aktar verosimili ix-xhieda ta' Josephine Camilleri, minn dak li qieghed jipprogetta bhala certezza ix-xhud Roderick Camilleri.
>
> "Illi l-veracita`, u l-affidabilita` ta' dawn id-depozizzjonijiet trid titqies ukoll fl-isfond tal-fatt illi x-xhieda kollha prodotti u li kollha jaghmlu parti mill-familja tal-parti leza Orbison Camilleri, xehdu illi l-imputati kienu avvicinaw lill-istess Orbison b'vettura Fiat Uno sewda. Illi dwar dan xehdet l-imputata Carmen Cassar fejn stqarret li hija dak iz-zmien kellha zewg vetturi, Seat Ibiza, li skond ma xehed l-imputat Grech hija ta' lewn ahmar, u Fiat Uno ta' lewn blu car, u mhux ta' lewn iswed, kif gie ripetut mix-xhieda kollha prodotti.
>
> "Illi ghalhekk fid-dawl ta' din l-istqarrija, l-esponenti jistaqsi kemm effettivament ix-xhieda prodotti qattx biss raw il-vettura koncernata, ahseb u ara kemm raw, jew qattx setghu jaghrfu lill-imputati!
>
> "Illi ghandu jigi rilevat ukoll illi, kemm skond ix-xhieda tal-imputata Carmen Cassar stess, u anke kif gie kkonfermat permezz tax-xhud Dr. Astrid Camilleri, tezisti l-impossibilita` fizika li Cassar kellha x'taqsam sesswalment max-xhud

Orbison Camilleri, u dan minhabba f'kumplikazzjoni genetika li affetwat l-izvilupp tal-parti genitali taghha. Tali komplikazzjoni rrendiet lill-imputata f'posizzjoni fejn hija kellha bzonn illi l-parti intima taghha tigi rikostruita b'mod drastiku ghall-ahhar sabiex hija tkun tista' jkollha x'taqsam ma ragel, b'tali mod li xorta huwa skomdu hafna li hija taghmel dan minhabba li m'hijiex f'posizzjoni normali u komda f'att sesswali, u dan nonostante procedura serjissima li hija kellha tghaddi minnha gewwa l-Ingilterra.

"Illi ghalhekk id-depozizzjoni tax-xhud Orbison Camilleri, li huwa kien imur mal-imputata b'mod liberu u ripetut, ghandha tigi wkoll mistharrga f'dan l-isfond.

"Illi imbaghad, nonostante li l-*parte civile* Orbison Camilleri xehed li huwa kien imbezza' mill-imputat Grech, PC980 xehed quddiem l-Ewwel Qorti u kkonferma incident partikolari fejn Francis Grech kien mar jigri fuqu u qallu li kien hemm guvni b'xaghru safra li mhux suppost qed ikellmu, u li kien fil-fatt avvicinah ghalhekk. Xehed ukoll li min-naha tieghu Camilleri eventwalment irraportalu l-istess.

"Illi l-principji bazici tad-dritt penali jafferma b'mod esplicitu li dan il-konflitt ta' provi, u dubju imqajjem minn inezattezzi u inaffidabbilita` ta' xhieda ma jista' jmur favur haddiehor hlief l-imputat innifsu.

"Illi d-difiza umilment tissottometti illi dawn il-kunflitti u inkorrettezzi li jemergu mid-depozizzjonijiet li ghamlu l-membri tal-familja ta' Orbison Camilleri m'ghandhom iwasslu ghal xejn hlief konflitt ta' provi li minnu ghandu jibbenefika l-imputat Grech – ***in dubio pro reo***."

**12.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**13.** Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti u, kif josserva l-appellant Grech, hemm xi inkonsistenzi u anke verżjonijiet konfliġġenti. Iżda x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar[1]. U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-*

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*Kodiċi Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

**14.** Tajjeb li jingħad li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda kollha. Setgħet b'hekk tqis "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9). Difatti l-ewwel Qorti qalet bla tlaqliq: "Frankament m'għandha ebda problema din il-Qorti tiddikjara li aktar propensa temmen lil Orbison [Camilleri] u l-familja tiegħu ...."

**15.** Minn eżami li għamlet din il-Qorti tal-provi, ikollha tgħid li ma ssib l-ebda raġuni biex tiddisturba l-konklużjoni tal-Qorti. Huwa minnu illi Orbison Camilleri u l-familja tiegħu jgħidu li l-karozza li kienu biha ż-żewġ appellanti kienet sewda filwaqt illi dawn qalu li l-karozza kienet "blu kulur il-biro". Iżda ħadd minnhom ma pproduċa l-*log book*. Huwa minnu illi ż-żewġ appellanti ċaħdu li kienu qatt raw lil Orbison Camilleri qabel il-kawża. Iżda l-ebda spjegazzjoni ma ngħatat għaliex dan Orbison Camilleri kellu jivvinta storja propju dwarhom. Huwa minnu wkoll illi l-appellanti Cassar kellha kumplikazzjoni ġenetika li affetwat l-iżvilupp tal-parti ġenitali tagħha. Iżda hawn mill-ġdid issir referenza għax-xiehda u rapport ta' l-esperta ginekologa Dr. Astrid Camilleri.

**16.** Din il-Qorti tinnota wkoll kif snin wara li ġew arrestati l-appellanti, ipproduċew bħala xhud lil Paul Gauci Borda li qal li kien jagħmilha ma' l-appellant Grech kull *weekend* fl-1999 u fl-2000. Huwa qal li darba matul il-ġimgħa l-appellant Grech kien saqsieh kienx jiftakar li l-Ħadd ta' qabel kienu marru jgħumu flimkien u kienx lest li jitla' jixhed għax kien ġie arrestat. Ix-xhud l-ewwel qal li dan kien fis-sena 2000. Meta mgħarraf mill-prosekuzzjoni li l-i*statements* kienu ttieħdu fl-1999, ix-xhud wieġeb: "Jista' jkun in-1999, m'inhix preċiż fid-data ... kellimni ġimgħa wara li ġie arrestat hu." Apparti li x-xhud ma kienx ċert dwar id-data, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax kif meta l-appellant Grech ġie arrestat u interrogat, filwaqt illi semma li kien mar l-i*Splash and Fun* ma' l-appellanti Cassar u t-tifla tiegħu, fl-ebda waqt ma semma lil dan Paul Gauci Borda.

**17.** Imbagħad mix-xiehda ta' Roderick Camilleri jidher ċar li huwa seta' jidentifika lill-appellant Grech peress illi kien diġa` rah meta kien fil-*garage* d-dar tal-ġenituri tiegħu u waqfet il-karozza quddiem il-*garage* li fiha kien hemm l-appellant Grech. Aktar tard ra lil ħuh ikellmu, ħuh daħal id-dar – u anke x-xhud sadattant daħal id-dar – ra lil ħuh dieħel fil-kamra tiegħu, ħiereġ

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

b'*envelope*, imbagħad mill-gallarija ra lil ħuh jagħti l-*envelope* lill-appellant. Fil-karozza kien hemm ukoll mara u tarbija, u l-mara ħarġet tkellem lil ħuh. Din ix-xiehda ta' Roderick Camilleri tikkorrobora x-xiehda ta' Orbison Camilleri ta' l-okkażjoni li jixhed dwarha dan Orbison Camilleri meta l-appellant Grech talbu Lm300 għax qallu li t-tfajla (b'referenza għall-appellanti Cassar u li magħha Orbison Camilleri kien kellu rapporti sesswali) "kienet inqabdet tqila u rrid insifirha barra u biex iqattgħu t-tarbija qalli. U kikfilha żaqqha għax kellha żaqqha kbira." Każ ċar dan ta' *mise-en-scene*.

**18.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni illi l-verżjoni ta' Orbison Camilleri kienet aktar kredibbli minn dik ta' l-appellant Grech. Konsegwentement ukoll korrettement sabet ħtija għar-reati dedotti kontra tiegħu, salv naturalment dak ta' sekwestru tal-persuna. Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**19.** It-tieni aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant Grech jgħid:

> "Illi b'semplicement zieda, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-difiza ghandha tghid ukoll illi ghad li l-esponent ghandu fedina penali xejn favorevoli, jidher li f'dan l-istadju ta' hajtu Francis Grech qabad triq tajba u minhabba f'hekk ilu ghal dawn l-ahhar snin ma jkollu pendenzi godda quddiem dawn il-Qrati.
>
> "Illi fil-fatt l-imputat appellant illum qieghed f'relazzjoni stabbli li ghenitu jsib xi tip ta' komfort u element ta' konformita` li wasslitu sabiex jaqta' l-vizzju tad-droga li huwa kellu ghal diversi snin, u beda jghix hajja ta' responsabbilita` u awtodixxiplina.
>
> "Illi dwar dan l-appellant ghandu diversi xhieda li jista' jtella' fl-istadju tal-appell, inkluz u mhux limitatament is-Sur George Grech, rapprezentant tas-Sedqa li gharraf lill-imputat il huwa lest jixhed dwar il-progress illi sar f'dawn l-ahhar snin.
>
> "Illi l-appellant ilu ghal xi zmien ukoll jattendi l-Caritas bil-volonta` tieghu, fejn anki jissupplixxi *samples* tal-urina tieghu sabiex jigi segwit, u jkun accertat il-fatt illi huwa jinsab hieles minn kull vizzju li huwa indubjament kellu.
>
> "Illi d-difiza umilment tissottometti wkoll illi dawn il-proceduri, ghal diversi ragunijiet mhux solament imputabbli lill-appellant iddelungaw ruhhom ghal madwar erbatax-il sena, u dan certament ghandu jitqies b'mod favorevoli ghall-appellant minn din l-Onorabbli Qorti.
>
> "Illi ghalhekk id-difiza tikkontendi illi piena karcerarja fic-cirkostanzi hija manifestament kiefra wisq fuq l-appellant, tenendo kont dan il-kambjament li sar f'dawn l-ahhar snin, kambjament li din il-Qorti certament ghandha tissanzjona, anke meta jigi meqjus li l-fatti specie li minnhom jemergi dan il-kaz imorru lura daqstant snin.

> "Illi dan qieghed jinghad ukoll peress illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha ssib lill-imputat hati, il-piena fic-cirkostanzi jidher car li ghandha tkun wahda li tikkonsolida l-progress li sar billi tigi esplorata l-possibilita` ta' pieni alternattivi, f'gieh il-gustizzja riparattiva, aktar milli dak punittiva."

**20.** Dwar il-mod kif għandu jiġi kkunsidrat it-trapass taż-żmien, din il-Qorti sejra l-ewwel tiċċita bran mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et** mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2002:

> **"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Attard* (24.7.2000) u *Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard* (24.7.2000)).**
>
> **Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza *Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi* (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**
>
> **Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

**21.** Minn dan il-bran jinstiltu numru ta' konsiderazzjonijiet li din il-Qorti tikkondividi pjenament:

- li t-trapass taż-żmien ma jnaqqasx mir-responsabbilta` kriminali;
- li l-ħati li jkun hu stess ipprovoka tul ta' żmien biex jiġu konklużi l-proċeduri ma għandux jippretendi li jibbenefika minn tali trapass biex jiġi aġevolat fil-piena;
- li l-ħati li matul dan iż-żmien ma jkunx żamm lura mill-ksur serju tal-liġijiet ma għandux lanqas jibbenefika minn tnaqqis fil-piena.

**22.** Fil-każ in eżami xi dilungar ġie pprovokat mill-appellant Grech stess. Hekk, per eżempju f'almenu żewġ okkażjonijiet ma deherx il-Qorti u nħareġ mandat. Irid jingħad, pero`, illi, filwaqt illi s-smiegħ tal-każ beda fil-5 ta' Novembru 1999 u fid-9 ta' Frar 2001 l-Avukat Ġenerali bagħat ir-rinviju għall-ġudizzju bl-

artikoli, l-istadju tad-difiża ddilunga sal-21 ta’ Marzu 2012. Imbagħad tul dan iż-żmien l-appellant Grech ma qagħadx ‘il bogħod mill-ksur serju tal-liġijiet. Mill-fedina penali tiegħu jirriżulta, almenu *prima facie*, illi huwa nstab ħati mhux anqas minn għoxrin darba għal reati li jvarjaw minn ksur tal-bon ordni, attakk jew reżistenza fil-konfront ta’ uffiċjali tal-pulizija, offiżi fuq il-persuna, frodi, serq, ħsara volontarja, pussess u traffikar ta’ droga. Fil-preżent fil-fatt, u dan ma ġiex ikkontestat, qiegħed iservi sentenza ta’ tmien snin priġunerija dwar importazzjoni, traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina, b’sentenza li ngħatat fis-6 ta’ Jannar 2014 mill-Qorti Kriminali. Jiġifieri din is-sitwazzjoni hi djametrikament opposta għas-sitwazzjoni kif impinġija mill-appellant Grech fir-rikors ta’ appell tiegħu.

**23.** Għal dik li hi l-piena, il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[3].

**24.** Fil-każ in eżami l-piena nflitta hi fil-parametri tal-liġi u, a bażi ta’ dak li diġa` ntqal, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni tvarjaha.

**25.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, **fir-rigward ta’ Carmen Cassar**, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatha għal priġunerija għal perijodu ta’ xahar u minflok , bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor sa żmien sena millum, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tagħha fil-bqija. Din il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista’ tingħata sentenza għar-reat oriġinali; **fir-rigward ta’ Francis Grech**, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tiegħu fl-intier.

[3] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.